30 MAR 2021

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 539**

**It-Tnejn 22 ta' Frar 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**539.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

539.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**539.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

539.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 538.10.2 u wara l-kelma 'Joseph' tidħol il-kelma 'Vella'.

539.2.2 Il-minuti tal-538 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**539.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

539.3.1 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett relatat mal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure* tal-GAL Xlokk u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti minħabba regolamenti finanzjarji marbuta max-xiri. Dan peress illi fis-sejħa għall-offerti li l-Kunsill kellu eżistenti ma kienx hemm ix-xogħlijiet tal-infrastruttura kollha inklużi. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk din is-sejħa kinitx ser tinħareġ minħabba l-affarijiet anċillari li kienu nklużi f'dan il-proġett. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal illi s-sejħa għall-offerti kienet ser tinħareġ sabiex isir ix-xogħol ta' infrastruttura. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għal-offerti.

539.3.2 Il-Viċi Sindku rreferiet għall-ilmenti li l-Kunsill kien qed jirċievi mingħand residenti li joqgħodu fiż-żona ta' Buleben iż-Żgħir dwar l-installazzjoni tal-bankijiet fis-*soft area* li kienu ser isiru fil-proġett tal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure*. Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiddiskuti dan il-każ. Is-Sindku qal illi huwa jifhem it-tħassib tar-residenti peress illi din iż-żona kienet kwieta u għalhekk żied jgħid li ma kienx isib oġġezzjoni li dawn il-bankijiet ma jsirux. Il-Viċi Sindku qalet li jekk il-Kunsill jaqbel, hi wkoll ma kinitx issib oġġezzjoni. Is-Sindku qal li fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill għandu jikkonsidra l-interess tar-residenti. Minħabba li fl-applikazzjoni tal-proġett kien hemm inkluż dawn il-bankijiet, il-Viċi Sindku staqsiet jekk dawn il-bankijiet setgħux ma jsirux. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk ikun hemm xi tibdiliet fil-proġett, il-Kunsill irid jissottometti *change request*. Dan peress illi wara li jitlesta l-proġett uffiċjali, membri tal-aġenzija ARPA jiġu jivverifikaw li proġett sar skont l-applikazzjoni. Is-Sindku ippropona li tiġi sottomessa *change request* sabiex minflok il-bankijiet isiru strutturi artistiċi sabiex ma jintilifx il-kuntest tal-proġett. Is-Sur Joseph Agius staqsa kemm kien in-numru ta' residenti li oġġezzjonaw li jitwaħħlu l-bankijiet u jekk ingħatawx l-istess raġunijiet. Is-Sur Agius żied jgħid li tagħmel differenza jekk kienux ftit residenti li qed joġġezzjonaw. Is-Sindku qal li kien hemm ħafna residenti li lmentaw. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fin-norma fi proġetti bħal dawn dejjem jiġu mwaħħla l-bankijiet. Il-Viċi Sindku qalet li l-għan tal-Kunsill huwa li jsebbaħ l-ambjent iżda l-interessi tar-residenti jridu jiġu mħarsa. Is-Sur

Mark Grech qal li r-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-proġett ilmentaw miegħu li qed jibżgħu li minħabba l-bankijiet, din iż-żona ser tibda tiġi ffrekwentata minn nies u għalhekk ma kinitx ser tibqa żona kwieta. Is-Sur Mark Grech semma l-importanza li l-ornamenti artistiċi jiġu nklużi fil-proġett b'mod ħolistiku sabiex ma jkunx hemm problemi fil-futur mal-Aġenzija ARPA. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi sottomessa *change request* sabiex minflok bankijiet isiru ornamenti artistiċi. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill sabiex jipprovdi d-dettalji relatati mal-ornamenti artistiċi sabiex tkun tista' tissottometti c-*change request.* Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir kompetizzjoni sabiex l-artisti Żabbarin jingħataw l-opportunità li jesebixxu x-xogħol tagħhom jew inkella jsiru mill-istudenti tal-MCAST. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fil-passat il-Kunsill kien diġa ikkonsidra li jagħmel xi ħaġa simili fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li t-tema tal-kompetizzjoni tkun l-arma ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li ssir kompetizzjoni sabiex jintgħażlu erba' strutturi artistiċi bit-tema abbinata ma' Ħaż-Żabbar. Il-Viċi Sindku staqsiet x'kien ser jiġri f'każ li c-*change request* ma tiġix milqugħa. Is-Sindku qal li f'dak il-każ terġa' tiġi diskussa matul il-laqgħa tal-Kunsill.

539.3.3 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

539.3.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva ittra legali minn resident li joqgħod fi Triq il-Ward dwar siġra taż-żebbuġ li allegatament kienet qed tagħmel ħsara fiċ-ċint tal-ġnien tiegħu. Is-sid talab sabiex il-Kunsill jaqla' is-siġra b'mod immedjat. Is-Sindku qal illi s-siġar m'għandhomx jinqalgħu għal xejn b'xejn u żied jgħid li din is-siġra taż-żebbuġ ma kinitx qed tagħmel ħsara f'din il-proprjetà peress illi r-residenza kienet iċċirkondata b'ġardina.

539.3.5 Fis-6.35 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

539.3.6 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li mhux l-ewwel darba li l-għeruq tas-siġar jagħmlu l-ħsara fil-proprjetà. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kellux bżonn il-permess tal-ERA sabiex tinqala' is-siġra f'każ li jkun hemm qbil dwar dan. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku qal illi iċ-ċint li hemm fil-viċinanzi ta' din is-siġra kien ħajt ta' parapett ta' erba filati. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li ħadd ma jieħu pjaċir bil-ħsara fil-proprjetà tiegħu. Is-Sindku qal illi fuq parir tal-avukat, il-Kunsill għandu jitlob rapport tekniku mill-perit tas-sid dwar din il-ħsara. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra legali.

539.3.7 Is-Sindku qal illi fi Triq Pawlu Scicluna kien hemm approvazzjoni mill-*Planning Authority* sabiex isir żvilupp, kif ukoll biex jiġu rilokati uħud mis-siġar. Is-Sindku qal illi l-iżviluppaturi kienu talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex is-siġra taż-żebbuġ li hemm imħawwla fin-nofs tat-triq tiġi rilokata wkoll. Is-Sindku spjega li f'każ li 'l quddiem tkun ser issir kostruzzjoni tat-triq xorta waħda din is-siġra taż-żebbuġ kienet ser ikollha titneħħa. Is-Sindku żied jgħid li biex tiġi rilokata din is-

siġra kien jeħtieġ li l-iżviluppatur iġib permess mill-ERA. Peress li s-siġra kienet fi proprjetà pubblika il-Kunsill kien qed jintalab sabiex ma jsibx oġġezzjoni sabiex din is-siġra tiġi riallokata. Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-iżviluppatur jirriloka din is-siġra u minflok titħawwel fil-Park ta' San Klement. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Park ta' San Klement ma kienx jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qalet illi kemm il-darba jkun hemm l-approvazzjoni tal-ERA u tal-entitajiet ikkonċernati, ma kienet issib l-ebda oġġezzjoni sabiex tinqala' is-siġra. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk l-ispejjeż kollha relatati mar-riallokazzjoni ta' din is-siġra kienux ser jitħallsu minn Transport Malta. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv peress illi s-siġra kienet ser tinqala' minħabba li kien ser isir żvilupp u mhux għax kienet ser issir it-triq. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-ispejjeż kollha relatati mar-riallokazzjoni ta' din is-siġra għandhom jiġu mħallsa mill-kuntrattur. Is-Sindku qal illi l-iżviluppatur kien ser iħallas l-ispejjeż marbuta mal-qlugħ u t-tħawwil ta' din is-siġra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lill-iżviluppatur li ma kienx isib oġġezzjoni li din is-siġra tiġi rilokata.

539.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kienu ser jitwaħħlu sitt *feeding stations* għall-qtates madwar il-lokalità. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien xtara l-materjal ta' dawn il-kaxxi filwaqt li x-xogħol tal-mastrudaxxa kien għamlu huwa b'mod volontarju. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien franka l-ispejjeż tal-mastrudaxxa peress illi l-ispiża sabiex tixtri *feeding station* waħda kienet tammonta madwar €300. Is-Sindku żied jgħid li ż-żebgħa ta' dawn il-*feeding stations* kienet ser issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

539.3.9 Is-Sindku qal illi kien ser isir xogħol ta' nstallazzjoni tad-*dual gates* fid-*dog park* permezz tal-voluntiera. Is-Sindku żied jgħid illi l-ħaddiema tal-Kunsill kienu ser jintalbu jidħlu *overtime* ġurnata s-Sibt sabiex dawn il-gradi jitwaħħlu.

539.3.10 Is-Sindku rrefera għall-iskema li ġiet approvata mill-LC Care dwar xiri tal-ikel, spejjeż veterinarji u mediċinali għall-qtates *strays* u talab lis-Sinjorina Ghislaine Bongailas sabiex tressaq il-kwotazzjonijiet marbuta ma' din l-iskema. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi dawn il-kwotazzjonijiet kienu ntbgħatu lill-Kunsillieri permezz tal-*email*. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri xkejjer tal-ikel tal-qtates għall-prezz ta' €22.40 kull xkora ta' 10 kilos mingħand kwotazzjoni numru [1]. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li juża s-servizzi veterinarji nkluż l-ispejjeż mediċinali mingħand il-veterinarju bin-numru [3].

539.3.11 Is-Sindku rrefera għall-offerta relatata ma' xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Ġesù Redentur u n-niċċa ta' San Ġużepp (ZLC 3/2020) u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dan il-kuntratt jiġi estiż għal tminn ġimgħat oħra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal tminn ġimgħat oħra.

539.3.12 Is-Sindku rrefera għall-proġett marbut mal-*Mobility Week* u ppropona li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond il-linji gwida 3.5 biex il-Kunsill jingħata konċessjoni jagħmel *direct order.* Dan peress li ma kien hemm l-ebda offerent għal xogħlijiet ċivili u installazzjoni ta' tagħmir anċillarju għal *superblock* pedonali fiż-żona tal-iskola fl-offerti ZBR 4/2020 u ZBR 4/2020R, minkejja li kienu nbidlu xi teknikalitajiet fis-sejħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill ma kienx irnexxilu jġib tlett kwotazzjonijiet kif mitlub fil-proċeduri tax-xiri u dawk finanzjarji. Is-Sindku qal illi r-raġuni li kienet ser tintalab konċessjoni lid-Dipartment kienet dovuta minħabba l-fatt li l-Kunsill ma setgħax isib kuntratturi sabiex dan il-proġett jitwettaq. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien irnexxilu jġib kwotazzjoni waħda biss mingħand fornitur li kien jissuplixxu *bollards* awtomatiċi li jogħlew b'aċċess ikkontrollat għall-prezz ta' €29,500 eskluż il-VAT. Is-Sindku żied jgħid li din il-kwotazzjoni kienet tinkludi ix-xogħlijiet ċivili wkoll. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond il-linji gwida 3.5 biex il-Kunsill jingħata konċessjoni jagħmel *direct order* ta' €29,500 eskluż il-VAT biex isiru xogħlijiet ċivili u installazzjoni ta' tagħmir anċillarju għal *superblock* pedonali fiż-żona tal-iskola.

539.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mal-Membru Parlamentari Glenn Beddingfield, ġiet diskussa l-possibiltà li l-Kunsill jiffirma *Memorandum of Understanding* biex isir ftehim mal-Fondazzjoni Kottonera. Is-Sindku qal illi permezz ta' dan il-ftehim il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn fondi sabiex isiru proġetti f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qara l-*Memorandum of Understanding* propost. Permezz ta' dan il-ftehim (i) Ikun stabbilit pjan ta' ħidma f'żoni indikati 'l barra mis-swar tal-kottonera, (ii) Ikunu stabbiliti *areas* ta' koperazzjoni komuni bejn il-Kottonera u Ħaż-Żabbar, (iii) Il-Fondazzjoni Kottonera tippromwovi l-iżvilupp kulturali ta' Ħaż-Żabbar, (iv) Il-Fondazzjoni Kottonera u l-Kunsill Lokali jkunu disposti li jikkoperaw f'oqsma li jaraw xierqa biex l-ibliet li jmissu mal-Kottonera jkunu parti mill-programm ta' riġenerazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma dan il-*Memorandum of Understanding.*

539.3.14 Is-Sindku rrefera għall-iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021-ċirkulari numru SPI/SCI/3/2021 u qal li din l-iskema ser tkun qed tkopri attivitajiet kulturali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-iskema ta' finanzjament għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021.

539.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienet bgħatet id-dettalji meħtieġa relatati mal-Kunċert Virtwali kif mitlub. Is-Sindku żied jgħid li dan il-Kunċert Virtwali ġie organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

539.3.16 Il-Kunsill informa lill-Kunsill illi d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura flimkien mad-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Pjanti ħarġu espressjoni ta' interess għall-Kunsill Lokali biex jipparteċipaw f'inizzjativi ta' tħawwil ta' siġar tal-palm biex jitħawwlu f'diversi spazji miftuħa. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien bagħat jinforma lid-Dipartiment li l-Kunsill kien interessat li jħawwel is-siġar tal-palm. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tħawwil tas-siġar tal-palm kien ser isir sabiex tiżdied il-provvista ta' frond tal-palm għas-sajd tal-lampuki u li l-aċċettazzjoni ta' din id-donazzjoni ta' siġar ser tippermetti lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jaħsad il-palm.

539.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi bħalissa kienet għaddejja konsultazzjoni relatata mal-widien. Is-Sindku qal li huwa kien issuġġerixxa biex il-bdiewa ta' Triq Wied il-Għajn jiġu kkonsultati.

539.3.18 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li aktar kmieni filgħodu l-ħaddiema tal-Kunsill kienu rrappurtaw li xi ħadd mhux magħruf kien għamel ħsara fil-bieba tal-ġenb tal-vann tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien sar rapport lill-pulizija dwar dan.

**539.4Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

539.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**539.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

539.5.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn s-26 ta' Jannar 2021 u t-22 ta' Frar 2021 li kienet tammonta għal €54,077.06.

**539.6 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2020**

539.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena finanzjarja 1 ta' Jannar 2020 - 31 ta' Diċembru 2020. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament dawn l- Istqarrijiet Finanzjarji.

**539.7Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Diċembru 2020**

539.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2020. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2020.

**539.8 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 3/2017)

539.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt għall-ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2017) li l-Kunsill għandu, kien ser jiskadi u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

- Servizz ta' Tindif ta' Toroq mhux Urbani (ZLC 3/2019)

539.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2019) li l-Kunsill għandu, kien ser jiskadi fl-1 ta' Mejju 2021 u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**539.9 Tismija' ta' Toroq**

539.9.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġie mitlub jagħti ismijiet liż-żewġ toroq li hemm biswiet Ġnien il-Mistrieħ li qiegħed fi Triq l-Għakrux,. lil triq bla isem fi Triq San Leonardu u lil triq bla isem li hemm fil-viċinanzi ta' Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi ismijiet x'jipproponu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li t-triq bla isem li hemm fil-viċinanzi ta' Triq iċ-Ċimiterju tingħata l-isem Triq Ġesù Bambin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li triq bla isem fi Triq San Leonardu tingħata l-isem Triq il-Kalkara. Dwar iż-żewġ toroq biswiet Ġnien il-Mistrieħ, is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex jibgħatu *email* bl-isem propost u l-isem ta' dawn iż-żewġ toroq jiġu diskussi f'laqgħa oħra.

**539.10 Id-Dar tas-Soru**

539.10.1 Is-Sindku qal li d-Dar tas-Soru qiegħda fi stat ta' abbandun. Peress li d-Dar tas-Soru hija wirt patrimonjali, is-Sindku nforma l-membri preżenti li l-Gvern Ċentrali jista' jagħmel ordni ta' konservazzjoni fuq din id-dar. Is-Sindku spjega li f'dak il-każ din id-dar taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali u eventwalment il-Kunsill ikun jista' jitlob id-devoluzzjoni tagħha. Is-Sindku qal li wara li ssir id-devoluzzjoni l-Kunsill ikun jista' jirrestawra d-dar permezz tal-iskemi tar-restawr. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ikun irid iwaqqaf fondazzjoni taħt il-kappa tal-Kunsill Lokali. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-Kunsill setax jaħdem flimkien ma' Wirt Artna. Is-Sindku qal illi dan mhux possibli li jsir iżda minflok għandha tinħoloq Fondazzjoni Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob għad-

devoluzzjoni tad-Dar tas-Soru f'każ li din il-proprjetà tiġi tal-Gvern Ċentrali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li wara li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tad-Dar tas-Soru tinħoloq Fondazzjoni Żabbar.

**539.11 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

539.11.1 Ma kienx hemm talbiet ta' rimbors.

**539.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

539.12.1 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas resqet ilment li kienet irċeviet mingħand ir-residenti dwar talba biex jiżdiedu l-*parking bays* fi Triq Santa Tereża. Is-Sindku qal illi din it-talba ma setgħatx tiġi milqugħa peress illi f'din it-triq kien hemm *yellow single line* faċċata tal-garaxxijiet minħabba li l-vetturi kienu qed isibu diffikultà biex jidħlu u joħorġu fil-garaxxijiet tagħhom. Is-Sindku żied jgħid li dawn is-sinjali kienu saru bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

539.12.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex fi Triq Santa Tereża jsir ġnien vertikali mal-ħajt tal-iskola. Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku sabiex tagħti l-opinjoni tagħha dwar dan. Il-Viċi Sindku qalet illi hija kienet taqbel ma' dan is-suġġeriment. Is-Sindku qal li permezz ta' dan il-proġett, se tingħata aktar arja nadifa u t-triq estetikament tidher isbaħ. Is-Sindku żied jgħid li f'każ li l-Kunsill jaqbel ma' dan is-suġġeriment, kien ser jiddiskuti din il-materja mas-surmast tal-iskola. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx possibbli li jsir xi ħaġa simili mal-faċċata tal-Kunsill u ssuġġeriet li jsir *green roof* fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal illi għal fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku kien hemm il-ħsieb li jsiru pannelli solari. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jibda d-diskussjonijiet mas-Surmast tal-Iskola B dwar il-possibiltà li l-ħajt tal-Kulleġġ Santa Margerita isir ġnien vertikali.

539.12.3 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi kienet ġiet avviċinata minn persuna li xtaq jagħmel rapport dwar kelb li ma kienx qed jinżamm fi stat tajjeb. Is-Sindku qal illi dan l-ilment għandu jiġi rrapurtat dirett lil *Animal Welfare*.

539.12.4 Il-Viċi Sindku resqet ilment li kienet irċeviet dwar vannijiet kbar li kienu qed jipparkjaw fi Triq Santa Tereża u li kienu qed jokkupaw post ta' żewġ parkeġġi. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li minħabba f'hekk kien qed jonqos l-ispazju ta' parkeġġ.

539.12.5 Il-Viċi Sindku staqsiet x'kien ser ikun il-pass li jmiss f'każ li t-talba għal *change request* tal-Miżura 4 - *Development of Green Infrastructure* ma tiġix milqugħa. Is-Sindku qal illi f'dak il-każ terġa' tiġi diskussa matul il-laqgħa tal-Kunsill.

539.12.6 Is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri resqet talba li kienet irċeviet mir-residenti sabiex issir *zebra crossing* quddiem id-*Dog Park*. Is-Sindku qal illi kienu għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex issir iz-*zebra*

*crossing* peress illi kien hemm problema bis-*supply* tad-dawl. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser jibda l-proċess għall-*compliance certificate* tad-Dog Park sabiex eventwalment isir *meter* tad-dawl.

539.12.7 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir *pelican crossing* quddiem il-Park ta' San Klement. Is-Sinjura Calleja qalet li l-Park kien qed jiġi ffrekwentat minn ħafna nies u kien hemm periklu meta wieħed jiġi biex jaqsam it-triq. Is-Sindku qal illi d-dewmien sabiex isir il-*pelican crossing* kien ġej minħabba l-fatt li fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa ma kienx hemm distribuzzjoni tal-elettriku li twassal sal-Park San Klement u li kienu għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet bejn *Transport Malta*, *Parks Malta* u l-Korporazzjoni Enemalta.

539.12.8 Il-Kaptan Patrick Barbara semma l-ħtieġa li r-residenti jiġu nfurmati li l-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli sabiex issir *pelican crossing* quddiem il-Park ta' San Klement permezz tal-midja soċjali. Il-Kaptan Barbara żied jgħid li għandha tiġi spjegata r-raġuni li qed tikkawża dan id-dewmien u allura ħadd ma jwaħħal fil-Kunsill. Is-Sindku qal illi qabel ma tinħareġ stqarrija, il-Kunsill għandu jistenna l-eżitu tal-laqgħa li ser issir matul il-ġranet mal-entitajiet ikkonċernati. Is-Sindku żied jgħid li kien ser ikun qed jagħmel pressjoni mal-entitajiet ikkonċernati sabiex ukoll issir iż-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja u fi Triq Bormla peress illi kien hemm sitwazzjoni simili.

539.12.9 Il-Kaptan Patrick Barbara talab li jinbidel it-tapit tal-lakstu li hemm taħt waħda mill-istrutturi ġewwa Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi t-tapit tal-lakstu ta' din l-istruttura kien ser jinbidel fil-ġranet li ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li din l-istruttura kienet ser tingħalaq sakemm jitlesta x-xogħol. Is-Sindku qal illi l-lakstu tal-kumplament tal-istrutturi kien ser jinbidel permezz tal-iskema li nħarġet SPI.SCI.2.2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*playing fields*.

539.12.10 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa f'hix kienet waslet l-espressjoni t'interess relatata mal-ġbir ta' skart riċiklat. Is-Sindku qal illi filwaqt li kienet inħarġet is-sejħa t'interess għall-ġbir ta' skart riċiklat, il-Kunsill kien qed jistenna direzzjoni mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali peress illi minn Jannar 2022 is-sejħa għall-immaniġjar tal-iskart kienet ser taqa' taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjuni.

539.12.11 Is-Sur Angelo Scicluna ssuġġerixxa li jsir *Obstacle Course Village* fiż-żona tal-Fatah. Is-Sindku qal illi kien infurmat li *Obstacle Course Village* diġa kien ġie inkluż fil-proġett tal-*Cottonera Foundation* fil-viċinanzi tal-*Sport Complex* tal-Birgu.

539.12.12 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir tabella ta' *no right turn* fi Triq ir-Redentur sabiex il-vetturi ma jdurux għal Triq Bajada. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tibgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jiċċekkjaw x'kien hemm bżonn isir. Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu rrapurtaw li għamlu xogħol ta' *patching* fi Triq is-Santwarju iżda dan ma kienx minnu.

539.12.13 Is-Sur Joseph Buttigieg talab lis-Sindku sabiex ikellem lir-resident li kien ilmenta dwar ir-*road hump li* kienet saret fi Triq San Ġużepp.

539.12.14 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil *Transport Malta* sabiex isir bdil fis-sistema tal-*one ways* ta' Triq it-Telliera u Triq is-Silla. Is-Sindku qal illi l-Perit tal-Kunsill kien għad irid iħejji l-proposta ta' *traffic management* taż-żona. Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir *traffic management* fi Triq il-Fiġel ukoll.

539.12.15 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-bżonn li ssir il-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiddiskutu dwar iz-*zebra crossing* u r-*road hump* fi Triq il-Vittorja.

**539.13 Mozzjonijiet**

539.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**539.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

539.14.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

539.14.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-540 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu, 2021.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku